# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 248/97

Carmel Baldacchino

vs

Tabib Ewlieni tal-Gvern

Illum 2 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn in-1987 u 1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fid-29 ta' April 1968 u bhalissa qieghed jokkupa l-kariga ta' gardinar. Bejn in-1987 u n-1995 huwa applika kemm il-darba ghal xi promozzjoni

izda ghalkemm kellu l-esperjenza u l-kwalifikazzjonijiet huwa qatt ma gie promoss.

Ghal diversi snin huwa kemm il-darba applika ghall-post ta' Supervisor izda dawn il-promotions dejjem inghataw lil haddiehor ghalkemm kien imissu hu. Huwa applika wkoll ghal post ta' Security fejn huwa gie maqbuz, avolja kellu kwalifiki bizzejjed biex jigi maghzul, dan wara li ghamel aktar minn tlett snin jaghmel ix-xoghol bhala Acting Security.

Huwa applika wkoll biex isir Chargehand u minkejja li ghamel it-Trade Test u l-Interview fejn jaf fic-cert li mar tajjeb xorta wahda rega ma dax il-promotions. Huwa applika ukoll ghal Chargehand (Cemetries) u minkejja li kien ilu jaghmel xoghol relatat ghal 28 sena il-promotion tawha lil wiehed li qabel kien watchman u fi zmien qasir ha tlett promotions. Wara li dan l-individwu ghamel is-sena probation talab transfer u mar jaghmel xoghol ta' security ghax ma kienx kapaci jaghmel ix-xoghol ta' chargehand "Cemetries". Dawn l-ingustizzji huwa soffrihom minhabba t-twemmin politiku tieghu fi hdan il-Partit Laburista.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997, dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata rimedju billi jigi ordnat l-promozzjoni ta' Chargehand u l-arretrati b'lura minn 1994, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern li eccepixxa:

Illi kull interview illi jsir sabiex jimtlew postijiet vakanti jew sabiex jinghataw promozzjonijiet mal-Gvern jsir minn Bord mahtur apposta mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-ghazla tal-persuni minn tali Bord kif ukoll il-hatriet taghhom mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huma proceduri insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Di piu' id-Dipartiment tas-Sahha kif ukoll ic-Chief Government Medical Officer ma ghandu l-ebda diskrezzjoni f'dawn il-kazijiet.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal illi jichad it-talbiet ta' Carmel Baldacchino bl-ispejjez stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors u zied li harget call for applications ghal chargehand DH Circular No. 229/93. Applikaw xi 8 u marru ghall-interview. Min hadha dahal hafna warajh mal-Gvern u anke c-cimiterju gie warajh tant li kien jistaqsi kollox lilu. Dan kien Joseph Busuttil, u ma jafx kif ha din il-promozzjoni u r-rikorrent ma hadiex. Dan ma jafx jikteb ghax kien jiktiblu haddiehor u kienu jiktbulu certu Ray Camilleri u Paul Catania. Ir-rikorrent semma li jaf jikteb u f'kollox ahjar minnu.. Bhala chargehand kien suppost jaghmel requisition orders, kitba ma' dipartimenti ohra u l-log books tal-karozza u affarijiet ohra hekk. L-attendenzi lanqas kien jaghmilhom hu. Semma li kien senior tieghu fis-servizz.

Ir-rikorrent xehed li meta kienet saret il-promozzjoni ghal Chargehand Cemeteries din kienet inghatat lil Joseph Busuttil u sostna li skond ic-cirkolari OPM numru 100/93 dan ma' kellux il-kwalifiki mehtiega. Meta harget is-sejha ghall-applikazzjoni kien ghadu qed jaghmel xoghol ta' Watchman. Jigifieri dan esperjenza ta' nies li jaqghu tahtu ma kellux. Meta lahaq Busuttil

ix-xoghol klerikali kien jaghmlu l-E.O. li kien hemm kif ukoll l-attendenzi, kienu jimlihomlu l-E.O. Bhala esperjenza fil-makkinarju r-rikorrent kellu u meta kien ikun hemm bzonn ghal tiswijiet fil-makkinarji kien jistaqsuh biex jirranga hu. Dwar rekwisit numru 5E jigifieri ko-ordinazzjoni ma' dipartimenti ohra tal-Gvern, sostna li Busuttil dejjem kien jitlob lilu biex jghidlu x'jaghmel. Busuttil kien jahdem bil-lejl u ghalhekk ma kienx ikollu lil min jissupervajzja. Wara din is-sejha ghall-applikazzjoni kien sar interview, izda ma kienx sar trade test.

Xehed Ray Camilleri li dam sentejn jahdem mar-rikorrent c-cimiterju. Il-promozzjoni li kien hemm harget qabel ma mar ic-cimiterju. Semma li Joe Busuttil ma kienx jaf jikteb, fil-fatt ir-requisitions kien jaghmilhomlu hu, kif ukoll x-xoghol kollu ta' kitba li suppost kien jaghmel hu. Hu bhala grad kien jigi fuqu. Semma li Carmelo Baldacchino jaf jikteb. Baldacchino kien jaghmel xoghol ta' security ic-cimiterju, izda ukoll kien jaghmel ukoll certa xoghol ta' amministrazzjoni bhal iqassam certa duties.

Fix-xoghol li kienu jaghmlu Baldacchino u Busuttil, Baldacchino seta' jaghmel xoghol ahjar minn Busuttil. Meta Busuttil kien sar chargehand, Baldacchino kien ghadu fil-grad ta' gardener, li kien jigi oghla mill-grad ta' watchman.

Xehed Nikol Farrugia li llum pensjonant izda li kien jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha u spicca Principal Head Inspector xehed li Baldacchino kien jahdem tahtu ghall-ahhar sentejn u

nofs. Il-grade tar-rikorrent kien ta' gardener. Fil-bidu sabu jahdem bhala gate keeper. Lir-rikorrent sar jafu fl-1987. Ftakar lir-rikorrent nkarigat mid-diggers, mill-caretakers u in charge mill-watchmen, huwa kien in charge mill-junior staff. Stqarr li xoghlu dejjem ghamlu tajjeb. Dwar Joseph Busuttil li kien il-persuna li kien nkarigat mill-junior staff semma li huwa ried l-ghajnuna fix-xoghol tieghu peress li certi affarijiet bilfors ikun irid certa korrispondenza u kien jaghmilhomlu hu peress li fil-kitba ma tantx kien jinqala. Ir-rikorrent kien jaghmel dan ix-xoghol unofficially izda kien iwettaq xoghlu perfettament.

Xehed Paul Catania - watchman l-Addolorata - semma li ilu jaf lir-rikorrent ghal xi hdax il-sena. Jaf li r-rikorrent jahdem ta' gardinar. Semma li dwar il-kitba u l-karti r-rikorrent kien imexxi kollox. Ir-rikorrent kien jaghmel xogholu tajjeb. Jaf li Joseph Busuttil hadha ta' chargehand minflok ir-rikorrent. Busuttil gieli qabbdu jaghmel xoghol ta' kitba. Meta gie dan Busuttil u lahaq chargehand ir-rikorrent rega mar jaghmel xoghol ta' gardinar bhal qabel. Semma li hadem taht it-tnejn u hass li s-sistema tar-rikorrent kienet ahjar peress li x-xoghol kollu kien jaghmlu hu ma kienx ihalli xoghol ghal haddiehor.

Gie prezentat affidavit ta' Frank Attard li fih semma li b' riferenza ghas-sejha ghal applikazzjoni ghal mili ta' post ta' chargehand fic-cimiterji fid-Dipartiment tas-Sahha liema sejha saret f'Dicembru1993 stqarr li r-rikorrent ikkwalifika t-tielet post. Qabel kien hemm Joseph Busuttil li gie l-ewwel u Saviour Laferla li gie t-tieni.

Il-grad ta' Joseph Busuttil meta applika kien ta' "supervisor" jigifieri Grupp D. Carmel Baldacchino kien gardinar ukoll Grupp D.

Il-paga li kien jiehu u ghadu jiehu Carmel Baldacchino kienet u ghadha dik ta' gardinar. Qatt ma thallas ta' "charge hand".

Ikkunsidra

Illi ghalkemm ir-rikorrent semma diversi promozzjonijiet fir-rikors tieghu hu illimita ruhu ghal dik tas-sejha ta' Dicembru 1993 ghall-post ta' Charge hand (Cemeteries).

Illi l-eccezzjonijiet tal-intimat huma bazati fuq ir-responsabbilta' tal-Public Service Commission u mhux tad-Dipartiment tas-Sahha. Illi dwar din l-eccezzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 fejn cahad l-eccezzjoni ta' l-intimat. Ghall-istess motivi hemm imsemmija jichad din l-eccezzjoni.

Dwar il-mertu tal-kaz jinghad li skond is-sur Frank Attard ir-rikorrent ikkwalifika t-tielet post. Issa skond ir-rikorrent hawn saret ingustizzja minhabba li dak li ikkwalifika ghall-ewwel post u cioe' Joseph Busuttil kien manifestament inferjuri ghalih. Irrizulta li t-tnejn li huma qabel ma harget ic-cirkolari kienu grupp D. Irrizulta kemm mix-xhieda tar-rikorrent kif ukoll minn dik ta' Ray Camilleri, Nikol Farrugia, u Paul Catania li fil-waqt

li l-istess rikorrent kien jaf jikteb u jaqra, Busuttil ma kienx jaf jikteb. Irrizulta wkoll li dan ix-xoghol kien jirrikjedi li bniedem f'din il-kariga irid ikun jaf jikteb, jikkomunika ma' dipartimenti ohra, u jzomm rassenji ecc. Kif seta' qatt ghalhekk isir Busuttil u mhux r-rikorrent minghajr ma ssir ingustizzja! L-intimat ma gab provi kwazi xejn fuq il-meritu.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u jilqa' t-talba tar-rikorrent, u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Charge hand (Cemeteries) b'effett mill-istess data li inghatat l-kariga lil Busuttil u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.